MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2013

Appell Civili Numru. 1471/2002/2

**Data Express Limited**

**v.**

**Atlas Insurance Agency Limited proprio kif ukoll bhala Agenti u/jew rapprezentanza tas-Socjeta` Assigurattrici estera Axa Insurance plc u b'digriet tal-4 ta' Gunju 2009 is-socjeta` Atlas Insurance Agency Limited biddlet isimha ghal Atlas Insurance PCC Limited**

**Il-Qorti:**

Rat illi din hija procedura ta' ritrattazzjoni a bazi tal-Artikolu 811(e) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili wara s-sentenza li din il-Qorti, diversament ippresjeduta, tat fil-25 ta' Mejju 2012. Ghall-ahjar intendiment ta' dawn il-proceduri, sejra tigi riprodotta s-sentenza ta' din il-Qorti li hemm migbura fiha t-talbiet u l-eccezzjonijiet tal-partijiet, id-decizjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili, u l-konsiderazzjonijiet li wasslu lil din il-Qorti tichad it-talbiet attrici:

**"Preliminari**

**"1.** Dan hu appell prinċipali ad istanza tas-soċjeta` konvenuta Atlas Insurance PCC Limited, ġia` Atlas Insurance Agency Limited bħala aġenti u jew rappreżentanti tas-soċjeta` assikuratriċi estera AXA Insurance plc. kif ukoll appell inċidentali tas-soċjeta` attriċi Data Express Limited minn sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' April 2009 li biha laqgħet l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta` konvenuta f'isimha proprju u lliberatha mill-osservanza tal-ġudizzju, ċaħdet l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta` konvenuta *nomine* iżda kif se jingħad u ċioe` li l-Qorti ċaħdet ir-raba' talba attriċi iżda laqgħet it-talbiet l-oħra kollha u kkundannat lill-istess soċjeta` konvenuta bħala aġenta jew rappreżentanta tas-soċjeta` assikuratriċi estera AXA Insurance plc li tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' sebgħin elf, mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€70,232.84) bl-ispejjeż tas-soċjeta` konvenuta proprio jkunu a karigu tas-soċjeta` attriċi filwaqt li l-ispejjeż l-oħra fiċ-ċirkostanzi jkunu bla taxxa bejn il-kontendenti in kwistjoni.

**"2.** Biċ-ċitazzjoni tagħha tas-27 ta' Diċembru 2002 is-soċjeta` appellata Data Express Limited għar-raġunijiet premessi fl-istess ċitazzjoni u premessi d-dikjarzzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni talbet li l-Qorti

"1. tiddikjara u tiddeċiedi li għas-serq li ġara kif espost fiċ-ċitazzjoni tirrispondi l-polza allura in vigore bejn il-partijiet;

"2. tillikwida l-ammont dovut lis-soċjeta` attriċi a bażi tal-*claim* li saret;

"3. tikkundanna u tordna lis-soċjeta` assikurattriċi tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma hekk likwidata dovuta għal din il-*claim;*

"4. tikkundanna u tordna lis-soċjeta` assikuratriċi tħallas lis-soċjeta` attriċi l-imgħax mid-data tal-*claim*;

"Bl-ispejjeż, bl-imgħax mid-data tal-*claim* u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-liġi u bl-inġunzjoni tas-soċjeta` konvenuta għas-subizzjoni.

**"3.** Fiċ-ċitazzjoni tagħha s-soċjeta` attriċi appellata ippremettiet:

""Illi s-soċjeta` attriċi assikurat mas-soċjeta` konvenuta kontra diversi riskji permezz ta' Fire and Special Perils Property Damage Insurance Policy, polza numru 81286010001 kopja esebita markata bħala Dok. 'A';
""Illi s-soċjeta` attriċi ġiet derubata minn persuna jew persuni mhux magħrufa bejn id-29 ta' Marzu 2002 u l-4 ta' April 2002 jew xi żmien qabel, fejn insterqu *stock* u diversi oġġetti proprjeta` tas-soċjeta` attriċi koperti mill-polza ta' assikurazzjoni kif ser jirriżulta fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawża, lista tal-i*stock* misruq hawn annessa u markata bħala Dok. 'B';

""Illi dan is-serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur kif ikkonkluda l-Maġistrat Inkwirenti, kopja ta' proċess verbal hawn anness u markat bħala Dok. 'C';

""Illi għal dan is-serq tirrispondi l-polza ta' assikurazzjoni allura *in vigore* bejn il-partijiet;

""Illi saret *claim* mas-soċjeta` konvenuta li ġġib in-numru F20020223, hawn annessa markata bħala Dok. 'D', minħabba serq kif premess u kif ukoll saru diversi interpellazzjonijiet sabiex titħallas l-imsemmija *claim* iżda dan irriżulta inutli;

““Illi din il-Qorti għandha ġurisdizzjoni u kompetenza għaliex is-soċjeta` assikuratriċi ċaħdet kull responsabbilta` permezz ta' ittra datata 28 ta' Novembru 2002 kopja annessa u markata bħala Dok. 'E' (kien ikun altrimenti li kieku s-soċjeta` konvenuta aċċettat ir-responsabbilta` iżda ma qablitx mal-*quantum* kif jirriżulta mill-klawsola dwar Maltese Jurisdiction Clause tal-polza u Artikolu 14 – Arbitration and General Conditions Clause, f'liema eventwalita` kienet tapplika l-klawsola arbitrali);"

"Illi b'nota tal-1 ta' Awwissu 2003 is-soċjeta` konvenuta appellanta Atlas Insurance Agency Limited, illum Atlas Insurance PCC Limited, fil-kwalita` tagħha ta' aġenti u/jew rappreżentanti tas-soċjeta` assikuratriċi estera AXA Insurance plc eċċepiet:

““1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu riġettati bl-ispejjeż kontra s-soċjeta` attriċi *stante* li fl-allegata serqa ma rriżultax li kien hemm dak li fil-polza huwa kkwalifikat bħala *"violent and forcible entry"* u għaldaqstant l-allegata perdita` li sofriet is-soċjeta` attriċi ma taqax u ma tikkwalifikax li għandha tiġi risarċita taħt l-imsemmija polza ta' assikurazzjoni.

"2. Salvi eċċezzjonijiet oħra."

**"4.** Illi b'nota tal-eċċezzjonijiet tal-istess data u cioe` tal-1 ta' Awwissu 2003 l-istess soċjeta` konvenuta appellanta Atlas Insurance Agency Limited, illum Atlas Insurance PCC Limited, din id-darba *proprio*, eċċepiet:

““1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu riġettati bl-ispejjeż stante li s-soċjeta` eċċipjenti, kif ċitata, ma għandha ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjeta` attriċi billi kull ma għamlet is-soċjeta` attrici għamlitu bil-kapaċita` tagħha ta' aġent tas-soċjeta` estera li ġiet ċitata bħala il-konvenuta l-oħra.

"2. Salvi eċċezzjonijiet oħra."

**"5.** Fis-sentenza tagħha appellata l-ewwel Qorti, wara li *inter alia* irriproduċiet il-kontenut taċ-ċitazzjoni promotorju

tal-ġudizzju u tal-eċċezzjonijiet tas-soċjeta` appellanta għamlet il-konsiderazzjonijiet li ser jiġu hawn taħt riprodotti għall-aħjar intendiment ta' dan l-appell:

""Illi din hija azzjoni bbażata fuq il-kuntratt ta' assikurazzjoni bejn il-partijiet. Is-soċjeta` attriċi kienet infatti assikurata ma' dik konvenuta permezz tad-Dokument 'A' ossija *Fire and Special Perils Property Damage Insurance Policy.* Bejn id-29 ta' Marzu 2002 u l-4 ta' April 2002 saret serqa ta' diversi oġġetti minn garaxx li fih l-istess soċjeta` attriċi kienet taħżen l-istokk tagħha. Saret inkjesta Maġisterjali illi kkonkludiet illi *"Fil-fehma tal-Maġistrat inkwerenti dan is-serq huwa aggravata bil-mezz stante li sar sgass u bil-valur stante li l-ammont misruq jeċċedi l-mitt lira Maltin".* Is-soċjeta` konvenuta rrifjutat illi tħallas billi fil-fehma tagħha ma kienx hemm sgass jew *forcible entry* li hija rikjesta fil-polza.

"Jidher ċar qabel xejn li s-soċjeta` konvenuta ma kellhiex titħarrek f'isimha proprju għaliex hija aġixxiet bħala aġenta ta' ditta estera u kwindi bħala tali għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

"Il-parti tal-polza li taħtha s-soċjeta` attriċi qed titlob il-ħlas tgħid hekk:

*""In consideration of the payment of the premium for this extension to the policy the Company will, by payment or as option by reinstatement or repair, indemnify the insured against damage if:*

*"a. Any of the property insured described in the part of the Schedule relating to Theft extension ;*

*"i. while within the premises shall bel ost by damages by theft involving entry into the premises by forcible and violent means …*

*"b. there shall occur any damage to the premises failing to be borne by the insured consequent upon such theft or any attempt thereat."*

"Għalhekk il-punt in kontestazzjoni huwa jekk fis-serqa li ma hemmx dubbju li saret kienux użati *forcible and violent means.* Dan għaliex fil-fehma tas-soċjeta` konvenuta ma kienx hemm provi evidenti li sar xi sgass.

"Matul il-ġbir tal-provi ressqu diversi xhieda u l-Qorti se tirriassumi dak li jidhrilha huma l-iktar xhieda mportanti. **Gilbert Mock** direttur tas-soċjeta` attriċi qal li kien iżomm iċ-ċwievet tal-garaxx hu biss u kien mar fuq il-post ftit jiem qabel. Kien ikun imsakkar b'żewġ katnazzi tal-marka **Ingersoll** li kienu rakkomanati mis-soċjeta` konvenuta billi kienu l-aktar affidabbli. Meta mar dakinhar sab il-bieb imbexxaq u l-katnazzi ma kienux hemm. ċempel għalhekk lill-Pulizija. Għall-ewwel mistoqsi kemm kellu affarijiet neqsin wieġeb b'ċirka ħamsa u sebgħin elf lira Maltin (Lm75,000) iżda meta eżamina sew ma' l-*accountant* u ra x'kellu nieqes b'aktar kalma u żmien ikkonkluda li kienu jiswew ftit aktar minn tletin elf lira Maltin (Lm30,000). **Ronald Simiana** li kien il-*broker* tas-soċjeta` attriċi ma' dik konvenuta kkonferma dan ix-xenarju u qal li Mock kien *"abjad karti. "* Qal ukoll illi nduna li l-katnazzi *"ma kinux għadhom fil-post, il-bieb kien alzat u fuq in-naħa tax-xellug tal-bieb kien imqammar fuq il-left hand side .. qisu xi ħadd illeva l-bieb …"* Xehdu ukoll **John Refalo**, azzjonist tas-soċjeta` attriċi u **Brian Bonnici,** impjegat li qal li meta mar fuq il-post sab il-bieb tax-xellug qisu xi ħadd żgassah 'il barra. **Lawrence Formosa**, rappreżentant tas-soċjeta` konvenuta wkoll mar fuq il-post u qal li l-bieb kien imbexxaq. Fil-bieb pero` ma ra ebda traċċa ta' żgass jew li xi ħadd uża l-forza biex uża l-bieb.

"Fil-fehma tal-Qorti xhud importanti huwa **Alfred Camenzuli** (li xehed darbtejn) u li kien inħatar espert tekniku mill-Maġistrat inkwerenti. Dan qal li l-katnazzi ma kienux fuq il-post u li l-unika għodda li setgħet taqta' dawn it-tip ta' katnazzi huma *pnuematic tools* u li dan it-tip ta' għodda hija kapaċi taqta' mingħajr ma tħalli wisq materjal warajha. Qal li huwa ma kienx mar fil-garaxx qabel ġrat is-serqa. Naturalment il-katnazzi jistgħu jinfetħu biċ-ċavetta tagħhom stess. Qal li fir-rigward tat-traċċi tal-iżgass li jista' jkun li kienu assenti minhabba r-riħ qawwi li

kien hemm dakinhar. Is-soċjeta` konvenuta preżentat affidavit ta' **Odette Farrugia** li kienet *surveyor* tagħha stess meta ġara l-incident. L-affidavit tagħha li jixhed ċerta professjonalita` kkonkludiet illi fil-fehma tagħha l-inkjesta ma ndikatx *"ebda dettal ta' evidenza biex tispjega kif iż-żewġ katnazzi effettivament ġew imneħħija minn posthom u anke kif il-lock tal-bieb tal-garaxx ġiet miftuħa. Fl-opinjoni tiegħi dettalji f'dan ir-rigward huma rilevanti biex jiġi konkluż il-każ vis-a-vis forcible and violent entry."* Għandu jingħad illi anke l-**Ispettur Tonna** li kien involut fl-inkjesta qal fir-rapport tiegħu illi *"Fuq il-post ġie innutat li ma kien l-ebda sinjal ta' żgass jew marki mal-bieb jew mal-ħoloq tal-ħadid li kieu jorbtu magħom il-katnazzi. L-uniku ċwievet li huma eżistenti ta' dawn il-katnazzi dejjem ikunu fil-pussess tal-mittant (sic) .. Minn aktar investigazzjonijiet li għamlet il-pulizija ġie stabbilit li l-lock tan-nofs tal-garage għadha tista' tissakkar normali bie-ċavetta fejn dan juri li ma ġietx sfurzata jew żgassata."*

"Kif jidher allura hija kwistjoni ta' kif saret is-serqa u jekk ġietx użata forza biex il-bieb tal-garaxx seta' jinfetaħ. Kif qalet ix-xhud Farrugia biex jasal għall-konklużjoni ta' jekk kienx hemm *forcible and violent entry*, wieħed irid ikun jaf kif infetaħ il-bieb, li ma kienitx mistoqsija faċli għal ħadd u lanqas għall-persuni tekniċi. Fil-kamp ċivili naturalment il-każ irid jiġi deċiż a bażi tal-piż preponderanti tal-provi u mhux *oltre* (bħalma hu fil-kamp kriminali).

"Fil-kawża simili ħafna għal din fl-ismijiet ***"*Emanuel Abela nomine vs Dorothy Simms nomine*"*** deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fl-20 ta' April 1988, ġie ritenut illi *"il-Maġistrat għamel l-indaġini tiegħu a tempo vergine meta t-traċċi tad-delitt kienu għadhom friski u kwindi seta' jasal għall-konkużjonijiet tiegħu b'aktar faċilita` u ċertezza morali; kważi huwa superfluwu li jingħad illi l-proċess verbal jekk ikun redatt regolarment jikkostitiwixxi prova" (art. 550 Kodiċi Kriminali).* Allura l-Qorti dakinhar waslet biex laqgħet it-talba attriċi a bażi ta' dan. Fil-każ in eżami għalkemm il-konklużjonijiet tal-Maġistrat kienu fis-sens li sar żgass l-kostattazzjoni tal-Ispettur illi nvestiga s-serqa kienet li ma kien hemm ebda sinjal ta' dan. Madankollu l-Qorti hija propensa tistrieħ aktar fuq il-konklużjoni tal-

Maġistrat milli fuq ħaġa oħra għaliex ma hemmx dubbju li kif ġie riferut fis-sentenza msemmija, l-Maġistrat jasal għall-konklużjonijiet tiegħu a bażi tal-provi kollha li jkunu tressqu f'dak l-istadju. Barra minn dan il-fatt li l-ħalliel jew ħallelin ma jħallux traċċi ta' żgass ma jfissirx li allura l-isgass ma jkunx sar; altriment s-soċjetajiet assikuratriċi ma jkunux tenuti jħallsu lill-assikurat jekk il-malvivent ikun tant *kapaċi* li jagħmel serqa b'mod *pulit* u ma jħallix traċċi visibbli. Huwa fatt magħruf illi ħallelin *professjonali* huma kapaċi jagħmlu dan it-tip ta' serqiet. Huwa biżżejjed fil-fehma tal-Qorti li fis-serqa l-persuna li tikkomettiha tidħol fil-fond in kwistjoni billi tikser xi siġilli li jkunu qed jikkostitwixxu ostakolu għall-entrata. Ma hemmx għalfejn li dan isir b'mod tant goff li jħalli l-effetti fuq il-fond kompriż il-bieb in kwistjoni. Il-Kodiċi Kriminali jipprovdi nfatti li s-serq huwa kwalifikat bil-mezz *meta jsir bi ksur ta' ġewwa jew ta' barra b'imfietaħ foloz jew skalata* (artikolu 263) u li ksur jinkludi ksur ta' katnazz (art 264). Ukoll fil-fehma tal-Qorti l-għan tal-polza meta tinkludi li d-dħul irid isir kif indikat huwa li teskludi għal kollox negliġenza tal-assikurat (per eżempju li ma jsakkarx il-*premises* in kwistjoni). Għalhekk ladarba l-verżjoni tar-rappreżentant tas-soċjeta` attriċi li fil-bieb kien hemm il-katnazzi ma ġietx b'ebda mod kontradetta, il-Qorti se tilqa' t-talba attriċi.

"Kwantu għall-likwidazzjoni skond il-prospett indikat mis-soċjeta` attriċi t-telf kaġunat mis-serqa kien tletin elf, mija u ħamsin lira Maltin u sitta u disgħin ċenteżmu (Lm30,150.96c) ossija sebgħin elf, mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€70,232.84); dan l-ammont mhux kontestat. Madankollu ladarba t-talba attriċi hija li tiġi mħallsa somma *da liqudiarsi* l-Qorti ma tistax tordna ħlas ta' imgħaxijiet kif ritenut diversi drabi mill-Qrati tagħna."

**"6.** Għar-raġunijiet imsemmija l-ewwel Onorabbli Qorti ddeċidiet il-kawża bil-mod indikat aktar 'l fuq[1].

**"L-appell tas-soċjeta` konvenuta Atlas Insurance PCC Limited, ġia Atlas Insurance Agency Limited bħala**

[1] Ara #1

**aġenti u jew rappreżentanti tas-soċjeta` assikuratriċi estera AXA Insurance plc.**

**"7.** Is-soċjeta` konvenuta appellanti ħassitha aggravata bis-sentenza surriferita tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-20 ta' April 2009 u interponiet dan l-appell minnha permezz ta' rikors datat 5 ta' Mejju 2009 fejn talbet li s-sentenza appellata tal-20 ta' April 2009 tiġi minn din il-Qorti riformata fis-sens illi tiġi konfermata fil-parti tagħha fejn illiberat lis-soċjeta` Atlas Insurance Agency Limited proprio, illum Atlas Insurance PCC Limited, mill-osservanza tal-ġudizzju u tiġi revokata u mħassra dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lis-soċjeta` appellanti responsabbli fil-konfront tas-soċjeta` attriċi li għandha tirrisarċiha u fejn ikkundannatha tħallas is-somma ta' €70,232.84 biex b'hekk is-soċjeta` appellanti ukoll tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` attriċi appellata.

**"L-aggravji tas-soċjeta` konvenuta appellanta**

**8.** In suċċint l-aggravju essenzjali tal-appellant jikkonsisti filli tirritjeni li l-ewwel Qorti kienet żbaljata fl-apprezzament li għamlet tal-provi. Hija ssostni li l-piż tal-prova li kien hemm serqa u li din is-serqa saret permezz ta' "*forcible and violent entry*" bħala kundizzjoni tal-polza ta' assikurazzjoni biex dik is-serqa tkun koperta bil-polza kien jinkombi fuq is-soċjeta` attriċi. Is-soċjeta` konvenuta appellanti ssostni li s-soċjeta` attriċi ma rnexxilhiex tipprova li s-serqa saret permezz ta' "forcible and violent entry".

**"Ir-risposta tas-soċjeta` konvenuta appellata**

**"9.** Is-soċjeta` konvenuta appellata wieġbet għar-rikors tal-appell billi sostniet li s-sentenza appellata hija waħda sostanzjalment ġusta u timmerita konferma. Hija rribadiet li kienet skarikat l-oneru tal-prova fil-kamp ċivili billi uriet fuq bilanċ ta' probabbilitajiet prova suffiċċjenti biex twassal għaċ-ċertezza morali tal-ġudikant fil-kuntest marbut mal-provi u l-konklużjonijiet tal-Maġistrat Inkwirenti u l-esperti tiegħu. Is-soċjeta` konvenuta sostniet li s-soċjeta`

appellanta ffokat fuq ix-xhieda ta' persuna waħda biss u ċioe` dik tal-Ispettur Mario Tonna u njorat il-kuntest u l-kwadru aktar wiesgħa tax-xhieda. Hija għamelt riferenza għan-nota tal-osservazzjonijiet tagħha quddiem l-ewwel Qorti u rriferiet għal dawk il-provi li ssostni jsaħħu t-teżi tagħha.

**"L-appell inċidentali tas-soċjeta` attriċi Data Express Limited**

**"10.** Is-soċjeta` konvenuta appellat inċidentalment mis-sentenza appellata bl-aggravji segwenti:

"1. filwaqt li tapprezza li l-kontrattazzjoni saret mas-soċjeta` konvenuta *qua* aġenti u jew rappreżentanti riedet iżżomm ferm id-dritt tagħha kontra ż-żewġ konvenuti u għalhekk reġgħet talbet il-kundanna tal-konvenuti solidalment kemm *proprio* kif ukoll *nomine*;

"2. ma tarax għaliex kellha tiġi akkollata bl-ispejjeż tagħha u bid-drittijet tar-Reġistru u talbet li l-ispejjeż jiġu kollha akkollati lill-konvenuti jew min minnhom;

"3. la darba t-talba kienet likwidata jew faċilment likwidabbli mill-assikurazzjoni u llikwidat u kkundannat dak li ntalab kemm fil-claim kif ukoll fiċ-ċitazzjoni s-soċjeta` konvenuta kellha tiġi kundannata għall-pagament tal-imgħax mid-data li saret il-*claim*.

**"Risposta tas-soċjeta` konvenuta għall-appell inċidentali**

**"11.** Is-soċjeta` konvenuta wieġbet għall-appell inċidentali tas-soċjeta` attriċi billi rriteniet li kellu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta` u dan għar-raġunijiet li ġejjin.

**"12.** Dwar l-ewwel aggravju tal-appell inċidentali tas-soċjeta` attriċi is-soċjeta` konvenuta wieġbet li peress li s-soċjeta` attriċi kienet qed tammetti fl-appell inċidentali tagħha li hi kienet kkontrattat magħha unikament *nomine*

isegwi li dan l-aggravju tas-soċjeta` attriċi ma setax jintlaqa'.

**"13.** In kwantu għat-tieni aggravju dwar l-ispejjeż is-soċjeta` konvenuta tirritjeni li d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti in materja ma għandhiex tiġi disturbata.

**"14.** Rigward l-imgħax is-soċjeta` konvenuta tirritjeni li s-sentenza appellata għandha tiġi konfermata peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi kien għal ammont *da liquidarsi* u li għalhekk l-imgħax seta' jingħata biss minn meta l-ammont ġie likwidat u ċioe` mid-data tas-sentenza.

**"Fatti tal-kawża**

**"15.** Is-soċjeta` attriċi assikurat ruħha mas-soċjeta` konvenuta Atlas Insurance Agency Limited bħala aġenti u jew rappreżenanti tas-soċjeta` assikuratriċi estera AXA Insurance PLC liema soċjeta` assikuratriċi fil-kors tal-proċeduri biddlet isimha għal Atlas Insurance PCC Limited. Il-polza ta' assikurazzjoni kienet *Fire and Special Perils Property Damage Policy*. Il-Polza msemmija kellha *Theft Extension* li permezz tagħha l-polza tal-assikurazzjoni ġiet estiża biex tkopri dannu kaġunat minn serq "*involving entry into the Premises by forcible and violent means*".

**"16.** Fl-4 ta' April 2002 ġie rappurtat serq mill-fond assikurat u ċioe` garaxx intern numru 2 fi Triq Buqraqq, Kappara, San Ġwann. Mill-indaġnijiet preliminari tal-pulizija fuq il-post irriżulta li xi persuna jew persuni mhux magħrufa ottjenew aċċess għal ġewwa l-garaxx imsemmi billi neħħew żewġ katnazzi li kienu wieħed fuq kull naħa tal-bieb tal-ħadid li jagħlaq il-garaxx u li kienu jorbtu l-anelli mwaħħlin mal-bieb għall-laċċi li kienu mwaħħlin fl-art. F'nofs il-bieb kien hemm pum b'serratura li jinfetaħ b'ċavetta u billi ddawwar il-pum. L-pulizija ma nnutat ebda sinjal ta' sgass. Il-Maġistrat Inkwirenti li għamlet l-inkjesta dwar il-fatt ikkonkludiet li kien sar serq mill-garaxx imsemmi billi nqalgħu ż-żewġ katnazzi li kienu jagħlqu l-bieb tal-garaxx u li s-serq kien aggravat bil-mezz stante li sar sgass oltre li bil-valur.

**"Konsiderazzjonijiet tal-Qorti:**

*"L-appell prinċipali tas-soċjeta` konvenuta.*

**"17.** Is-serq kopert bil-polza ta' assikurazzjoni favur is-soċjeta` attriċi jrid ikun serq li jinvolvi dħul fil-fond assikurat, u ċioe` fil-garaxx, permezz ta' "*forcible and violent means"*. Għalhekk irid qabel kollox tiġi determinata t-tifsira ta' "forcible and violent means". Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet li dħul akkompanjat bi sgass jinkwadra bħala "*entry …. by forcible and violent means"*. Ma hux il-każ li din il-Qorti teżamina jekk ipotesijiet oħrajn, bħal dħul bl-użu ta' ċwievet ġenwini misruqa jew dħul bl-użu ta' ċwievet ffalsifikati, jinkwadrawx fit-tifsira ta' "*forcible and violent means*" għaliex ebda waħda mill-partijiet ma hi qed tipprospetta li saret xi prova f'dan il-każ ta' tali użu ta' tali mezzi għalkemm is-soċjeta` attriċi ma teskludix tali ipotesi iżda dan tagħmlu biss sabiex tipprova tispjega dak li hi tirritjeni n-nuqqas ta' evidenza assoluta ta' xi sgass u mhux għaliex saret xi prova f'dan is-sens.

**"18.** Il-frażi "*forcible and violent means*" ġiet imfissra fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Ingliża fl-ismijiet **Dino Services Ltd v. Prudential Co Ltd**[2]. F'dak l-appell, waqt li jidher li ma kienx kontestat li l-ftuħ ta' bibien bi ċwievet foloz kien jammonta għal "*forcible entry*", il-kwisjtoni dibattuta kienet jekk id-dħul b'dak il-mod kienx ukoll "*violent"* u l-Qorti tal-Appell ikkonkludiet li dan ma kienx il-każ u ċioe` li d-dħul, anki jekk "*forcible"* ma kienx ukoll "*violent"*. Ir-raġunijiet għal dik il-konklużjoni ġew imfissra kif ġej:

*""The word 'violent' is an ordinary English word, which here appears in a common commercial document. It seems to me there is no reason why its meaning should be in any way different from what any ordinary person would understand….I would take the ordinary meaning of the word 'violent' in this context to be that it is intended to*

---

[2] [1989] 1 All ER 422

*convey that the use of some force to effect entry, which may be minimal, such as the turning of a key in a lock or the turning of a door handle, is accentuated or accompanied by some physical act which can properly be described as violent in its nature or character. An obvious picture that springs to mind is the breaking down of a door or the forcing open of a window, which would be acts of violence directed to the fabric of the premises to effect entry. [p. 382]"*

**"19.** Din il-Qorti taqbel ma' din it-tifsira tal-kliem "*forcible and violent*" u għalhekk jibqa' li jiġi stabbilit jekk ġiex pruvat li s-serqa hawn in kwistjoni kienetx waħda "*forcible and violent*". Il-piż tal-prova li ġara l-fatt li jagħti lok għar-riżarċiment taħt il-polza tal-assikurazzjoni jaqa' fuq l-assikurat bħala l-persuna li tallega li ġara dak il-fatt u għalhekk iridu jiġu eżaminati l-provi prodotti f'dan ir-rigward.

**"20.** Il-kwistjoni kollha għalhekk tirrisolvi ruħha f'waħda ta' apprezzament ta' provi. Huwa ormai ben stabbilit li bħala linea ta' massima, din il-Qorti ta' reviżjoni ġeneralment ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Qorti tal-prim istanza. Madankollu, jekk din il-Qorti jkun jidhrilha li tali apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti jkun talment żbaljat li jekk tali apprezzament jitħalla jibqa' in vigore, tkun sejra ssir inġustizzja manifesta lil xi parti, allura f'dan il-każ din il-Qorti, fl-interess tal-ġustizzja sostanzjali, għandha d-dover li ma toqgħodx lura u għandha tipproċedi biex tagħmel il-valutazzjoni tagħha u ċioe` l-valutazzjoni korretta tal-provi akkwiżiti fil-process.[3]

**"21.** Illi stante li l-aggravju tas-soċjeta` konvenuta appellanti jikkonċerna prinċipalment apprezzament ta' fatti, din il-Qorti neċessarjament fliet l-atti proċesswali kollha sabiex titratta l-aggravju sollevat.

---

[3] App. Cassone v. Calamatta 29 ta' Frar 2008. para. 17.

**“22.** Is-*Scene of Crime Officers* nominati mill-Maġistrat Inkwirenti ddikjaraw fir-rapport tagħhom li kien ġie nnotat li ma kienx hemm marki viżibbli ta’ sgass. Mill-kopji tar-ritratti esibiti mar-relazzjoni tagħhom ma jidhru ebda sinjali ta’ sgass fil-bieb tal-garaxx.

**“23.** Fir-rapport lill-Maġistrat Inkwirenti l-Ispettur Mario Tonna, li kien responsabbli mill-investigazzjonijiet preliminari wara li Gilbert Mock irrapporta s-serqa lill-pulizija, iddikjara li fuq il-post ġie nnutat li ma kien hemm l-ebda sinjal ta’ sgass jew marki mal-bieb jew mal-ħoloq tal-ħadid li kienu jorbtu magħhom il-katnazzi. Il-bieb tal-garaxx tħalla imbexxaq u l-lock tan-nofs tal-bieb tal-garaxx kienet għadha tista’ tissakkar normali biċ-ċavetta li kien jindika li ma kienx ġie sgassat jew sfurzat.

**“24.** Fil-verbal tal-aċċess li sar fuq il-post dakinhar tal-inċident il-Perit Tekniku ma rraporta ebda sinjali ta’ sgass għalkemm irrimarka li l-katnazzi kienu nieqsa u l-bieb instab imbexxaq iżomm ma’ wahda mill-*pallets* fuq in-naħa ta’ ġewwa tal-garaxx.

**“25.** Il-Perit Tekniku fir-relazzjoni tieghu ma rrapporta ebda sinjali ta’ sgass għalkemm ipotizza li l-katnazzi li kienu ta’ tip li jipprovdu ċerta sigurta` aktarx li ġew maqtugħa bi *pneumatic tools* iżda żied li ma nstabux sinjali ta’ tali qtugħ u spjega dan minħabba li kien il-maltemp u għamel ħafna riħ li seta’ ħassar it-traċċi li seta’ kien hemm. Ix-xhieda tiegħu kienet aktar spekulattiva milli sostnuta b’xi indizji materjali.

**“26.** L-ispettur Geoffrey Azzopardi xehed li rigward is-serratura tal-bieb ma kienx jidher li kien hemm brix li setgħu jindikaw l-użu ta’ għodda u meta mistoqsi jekk irriżultalux *violent and forcible entry* wieġeb li le, ma setax jistabilixxi eżatt kif kien l-isgass jekk sgass kien hemm u irrepeta li meta l-esperti rrelataw għalih ma kienx evidenti l-isgass pero` mbagħad kellu jikkuntenta li kien hemm sgass wara li ra l-konklużjonijiet.

**“27.** Minn dan kollu jirriżulta li pratikament ix-xhieda kollha indipendenti li marru fuq il-post dakinhar tal-

inċident, inklużi l-esperti nominati mill-qorti, l-uffiċjali investigaturi, s-*scene of the crime officers*, ma rrapportaw ebda sinjali materjali ta' xi użu ta' vjolenza sabiex il-malviventi aċċedew għal ġol fond assikurat.

**"28.** Anqas Gilbert Mock, il-managing director tas-soċjeta` attriċi, oriġinarjament ma rrapporta xejn li laqtu bħala li seta' kien indizju ta' sgass jew użu ta' xi forza vjolenti li ntużat fis-serqa sabiex il-malviventi jidħlu ġewwa l-garaxx. Di fatti quddiem Alfred P. Camenzuli, l-Perit Tekniku nominat mill-Magistrat Inkwirenti, dakinhar stess li ġiet skoperta s-serqa fl-4 ta' April 2002 huwa xehed li meta dakinhar wasal fuq il-post u skopra s-serqa huwa sab il-bieb tal-garaxx imbexxaq u l-katnazzi nieqsa. Ma semma xejn dwar sinjali ta' sgass jew dwar li osserva l-bieb mbewwaq. Anqas meta reġa' xehed fil-11 ta' April 2002 quddiem l-istess Perit ma semma' xejn dwar li osserva xi sinjali ta' sgass jew xi bieb imbewwaq.

**"29.** Mhux biss lill-Perit Tekniku ma rrilevalu xejn bħala indikattiv ta' sgass iżda saħansitra fil-*claim form* li ssottometta lis-soċjeta` assikuratriċi fis-6 ta' April 2002 (fol. 21-22, 159-160) huwa baqa' ma semma' xejn bħala indikattiv ta' xi sgass. Itenni li nnota li l-bieb tal-garaxx kien miftuħ, "*ajar*", iżda ma semma' xejn li jagħti x'jifhem li dan kien qiegħed jassoċċjah ma' xi tip ta' sgass tal-istess bieb.

**"30.** B'danakollu fl-affidavit tiegħu tal-4 ta' Mejju 2004 fost l-ewwel ħwejjeġ li jsemmi jgħid li appena wasal fuq il-post biex jiftaħ il-garaxx dakinhar li skopra s-serqa huwa nnota li l-katnazzi tas-soltu ma kienux hemm u minn naħa tax-xellug ra li l-bieb kien maqlugħ il-barra u mill-ewwel induna li fil-garage kien sar sgass.

**"31.** Ronald Simiana, li kien sub-aġent tas-soċjeta` konvenuta u kien jieħu ħsieb l-*account* tas-soċjeta` attriċi wkoll xehed li meta mar fuq il-post dakinhar tal-inċident fuq sejħa ta' Gilbert Mock huwa sab li ma kienx hemm il-katnazzi fil-post u l-bieb tal-garaxx kien alzat u fuq in-naħa tax-xellug il-bieb kien "imqammar" u fehem li "kienet li qisu xi ħadd kien illieva l-bieb minn dik in-naħa"u li "xi ħadd

qisu pprova jdaħħal xi oġġett biex jisgassa l-bieb". Ma jsemmix sinjali materjali fuq il-bieb jew madwar il-bieb li setgħu tawh x'jifhem li l-bieb kien ġie illevat.

**"32.** John Refalo, *shareholder* tas-soċjeta` attriċi, xehed li meta mar fuq il-post dakinhar tal-inċident huwa sab il-bieb tal-garaxx kien qisu *out of alignement* u donnu skussat, imqammar qisu tlett pulzieri minn mal-ħajt u l-katnazzi ma kienux hemm.

**"33.** Brian Bonnici, impjegat tas-soċjeta` attriċi, xehed li meta mar fuq il-post dakinhar tas-serqa huwa ra l-bieb sgassat fuq in-naħa tax-xellug iżda meta mistoqsi rax sinjali ta' vjolenza wieġeb li xi grif ra xi ħaġa iżda ma qagħadx jifli u jara l-bieb eżatt. Mistoqsi jekk il-grif li ra kienx mal-ħajt huwa ppreċiża li l-bieb kien qisu xi ħadd sgassah, kien qisu miġbud 'il barra qisu xi ħadd rabat xi ħaġa ma' taħt biex ġibdu, u dan kien li ra. Jiġifieri li l-grif li oriġinarjament qal li ra mal-ħajt ma assoċċjaħx mal-allegat sgass għaliex l-ispjegazzjoni li ta ta' dak li ra u li hu sejjaħ "qisu xi ħadd sgassah" ma kienx jinvolvi l-grif mal-ħajt iżda mezz ieħor frott tal-ispekulazzjoni tiegħu mingħajr sostenn ta' indizji materjali ħlief il-fatt stess li l-bieb kien miġbud 'il barra.

**"34.** Odette Farrugia li kienet taħdem bħala surveyor u kienet ġiet inkarigata tirrapporta dwar l-inċident marret fuq il-post dakinhar tal-inċident u nnutat li l-bieb tal-garaxx ma kienx sod u fuq il-ġenb tal-ħajt fejn jagħlaq kien hemm girfa u l-bieb deher li kellu xi ħaġa ħazina u ma kienx intatt għalkemm ma kienx hemm sinjali ta' forza jew vjolenza straordinarja bħal daqqiet jew grif partikolarment madwar il-laċċi fejn allegatament kien hemm il-katnazzi. L-uniċi sinjali materjali li kkonstatat fuq il-post kienu girfa mal-ħajt fejn il-bieb kien jitla' u jinżel u li skont hi x'aktarx ġrat bl-istess użu matul iż-żmien għaliex kien evidenti li ma kienitx friska għax kienet fonda u li l-*locking bar* fuq wara tal-bieb ma kienitx dritta għal kollox iżda ma osservatx sinjali tal-użu ta' xi lieva jew għodda simili. Ma sabet ebda grif jew sinjali oħra fuq jew madwar il-laċċi jew l-anelli fejn kienu jorbtu l-katnazzi u anqas mal-art.

**“35.** Lawrence Formosa, l-*claims manager* tas-soċjeta` konvenuta, xehed li kien mar fuq il-post dakinhar stess tas-serqa u li ma ra l-ebda traċċi jew evidenza ta’ *forcible and violent entry* ġewwa l-fond. Huwa jgħid li sab il-bieb “*ajar”*, miftuħ, iżda fil-bieb ma ra l-ebda traċċi li kien hemm xi evidenza ta’ sgass, li xi ħadd sgassa l-bieb jew inkella uża xi forza biex uża dak il-bieb, li huwa raħ bħala normali.

**“36.** Tenut kont ta’ dan l-istat tal-provi din il-Qorti ma hi sodisfatta xejn li s-soċjeta` attriċi rnexxiela tiskariga l-piż li jinkombi fuqha li tipprova a bażi ta’ preponderanza ta’ provi u fuq bażi ta’ probabbilita` l-fatt li d-dħul fil-fond assikurat sar permezz ta’ *forcible and violent means*.

**“37.** Huwa minnu li l-Maġistrat Inkwirenti fil-proċess verbal redatt minnha kkonkludiet b’mod pjuttost lakoniku li “… dan is-serq huwa aggravat bil-mezz stante li sar sgass….”. Fil-proċess verbal, iżda, ma jirriżulta ebda analiżi tal-provi li tispjega kif il-Maġistrat Inkwirenti, li anqas jirriżulta li kienet preżenti għal xi aċċess fuq il-post, waslet għall-konklużjoni tagħha. Di fatti ma ssemmi ebda ċirkostanza partikolari li wasslitha għall-konklużjoni tagħha. Di fatti l-kelma sgass tissemma’ biss darba u dan unikament fil-konklużjoni. Għandu jingħad, fi kwalunkwe każ, li l-konklużjoni tal-Maġistrat Inkwirenti tammonta biss għal ipoteżi ta’ reat u mhux għal xi determinazzjoni definittiva u inkontrovertibbli ta’ dak li effettivament ġara tenut kont tal-fatt ukoll li hi konklużjoni li waslet għaliha mhux fi proċess fil-kontradittorju iżda fi proċess investigattiv fejn ħadd ma hu imputat ta’ xejn u ma hemmx il-benefiċċju tal-kontradittur. Inoltre, l-fatt li jista’ jkun hemm ċirkostanzi li jwasslu għall-aggravju tal-mezz skont il-Kodiċi Kriminali, bħal użu ta’ mfietaħ foloz jew skalata, kif rajna, ma jammontax għal *forcible and violent entry* kif ġia` mfisser.

**“38.** Għaldaqstant lil din il-Qorti rriżultawlha raġunijiet serji biżżejjed sabiex tiddipartixxi mill-apprezzament tal-ewwel Qorti u tilqa’ l-aggravju tas-soċjeta` konvenuta appellanti u konsegwentement tilqa’ l-appell tagħha.

*"L-appell inċidentali tas-soċjeta` attriċi*

**"39.** **<u>L-ewwel aggravju</u>** tas-soċjeta` attriċi dwar il-leġittimita` passiva tas-soċjeta` konvenuta qiegħed sommarjament jiġi miċħud għaliex kif impostat fih innifsu hemm l-aċċettazzjoni da parti tas-soċjeta` attriċi li l-punt kontradett permezz tal-appell ġie effettivament deċiż korrettement.
In kwantu għat-**<u>tieni aggravju</u>** dwar l-ispejjeż dan ukoll ser jiġi miċħud in vista tal-mod kif din il-Qorti ser tiddisponi mill-appell prinċipali.

**"40.** Rigward **<u>it-tielet aggravju</u>** dan ukoll neċessarjament ser jiġi miċħud in vista tal-fatt li din il-Qorti ser tilqa' l-appell tas-soċjeta` konvenuta u tirrevoka s-sentenza appellata u dan apparti l-konsiderazzjoni li t-talba attriċi kien għal ammont *da liquidarsi*.

**"41**. L-appell inċidentali msemmi għalhekk ser jiġi miċħud fl-interezza tiegħu.

**"Decide**

"Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddisponi mill-appell prinċipali tas-soċjeta` konvenuta u mill-appell inċidentali tas-soċjeta` attriċi billi fl-ewwel lok tilqa' l-appell prinċipali tas-soċjeta` konvenuta Atlas Insurance PCC Limited, ġia` Atlas Insurance Agency Limited bħala aġenti u jew rappreżentanti tas-soċjeta` assikuratriċi estera AXA Insurance plc. billi tilqgħu u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti tagħha fejn illiberat lis-soċjeta` konvenuta Atlas Insurance Agency Limited *proprio*, illum Atlas Insurace PCC Limited, mill-osservanza tal-ġudizzju u tirrevokha u tħassarha fil-bqija u fit-tieni lok tiċħad l-appell inċidentali tas-soċjeta` attriċi Data Express Limited.

"L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mis-soċjeta` attriċi."

Kif inghad, f'dawn il-proceduri s-socjeta` attrici ritrattanda qed tghid li din il-Qorti applikat il-ligi hazina ghax baqghet tinsisti li kien sta ghaliha li tipprova li kien hemm *"entry*

*into the premises by forcible and violent means"*. Skont hi, darba li hi ppruvat fuq bazi prima facie li kien hemm serq bi sgass, il-Qorti kellha tinverti l-provi u titfa' l-oneru fuq is-socjeta` konvenuta assikurattrici li tipprova li s-serqa ma kinitx *"forcible and violent"*.

Din il-Qorti, minghajr ma toqghod tikkwota mill-gurisprudenza kopjuza in materja, tirribadixxi l-principji li r-regoli ta' ritrattazzjoni ghandhom jinghataw interpretazzjoni stretta, anke biex ma jinghatax lok ghal tentattivi tat-tielet appell, li mhux koncess fis-sistema procedurali Malti. Talba ta' ritrattazzjoni a bazi tal-Artikolu 811(e) timplika applikazzjoni ta' ligi hazina, cioe`, uzu ta' provvediment tal-ligi flok iehor li kellu jigi applikat, u ma hemmx kaz ta' applikazzjoni hazina tal-ligi f'cirkostanzi li jinvokaw l-interpretazzjoni tal-istess ligi applikabbli, anke jekk dak li jkun jista' ma jaqbilx mal-interpretazzjoni moghtija. Fi kliem iehor, biex ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-Qorti, fis-sentenza impunjata, applikat il-ligi hazina ghal kaz u mhux li applikat il-ligi tajba, fil-fehma tieghu, b'mod hazin.

Issa, hu veru, li filwaqt ir-regola generali hi li l-attur irid jipprova l-kaz tieghu, hu accettat li f'certi cirkostanzi, l-oneru tal-prova jinqaleb ghall-fuq il-kovenut. Dan fissritu tajjeb din il-Qorti Sede Inferjuri, fil-kawza **Tonna v. Azzopardi**, deciza fit-12 ta' April 2007, meta ghamlet dawn l-osservazzjonijiet:

"(1) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (<u>*actori incumbit probatio*</u>), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (<u>*reus in excipiendo fit actor*</u>). Ara **Kollez. Vol. XLVI P I p 5**;

"(2) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, "jista' jkun gie stabbilit fatt li

juri *prima facie* li t-tezi ta’ l-attur hija sostenuta” (**Kollez. Vol. XXXVII P I p 577**);

“(3) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi *iuxta alligata et probata*, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta’ l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ipprovat.”

F’din il-kawza, pero`, il-Qorti ma qalitx li gie stabbilit almenu prima facie mis-socjeta` attrici li kienet saret xi forma ta’ sgass; kienet biss sottomissjoni tas-socjeta` attrici li hi ghamlet din il-prova almenu fuq bazi prima facie. Din il-Qorti, pero`, wara l-apprezzament dettaljat li ghamlet tal-fatti, ma sabitx li s-socjeta` attrici stabbiliet fatti li kellhom iwasslu lill-Qorti tinverti l-provi. Bhalma hu maghruf, din il-Qorti, fi proceduri ta’ din ix-xorta, ma taghmilx revizjoni tal-analizi tal-fatti li tkun ghamlet il-Qorti.

Il-punt li kellha tiddeciedi l-Qorti kien jekk giex pruvat li s-serqa hawn inkwistjoni kinitx wahda *“forcible and violent”*. Din il-Qorti, qabel ma tat is-sentenza hawn attakkata, ezaminat il-provi kollha prodotti u sabet li s-socjeta` attrici ma ghamlitx din il-prova u, ghalhekk, cahdet it-talba attrici. Din il-Qorti lanqas ma sabet li s-socjeta` attrici ghamlet xi prova fuq bazi prima facie, izda, anzi qalet li *“ma hi sodisfatta xejn li s-socjeta` attrici rnexxila tiskariga l-piz li jinkombi fuqha li tipprova a bazi ta’ preponderanza ta’ provi fuq bazi ta’ probabbilita` l-fatt li d-dhul fil-fond assikurat sar permezz ta’ forcible and violent means.”.* La darba, fil-fehma ta’ din il-Qorti, ma saritx din il-prova, lanqas fuq bazi ta’ probabbilita`, ma kienx kaz li l-Qorti tvarja l-piz tal-prova. Mhux kaz li l-Qorti ma applikatx principju li kellu jigi applikat, izda li l-Qorti ma dehriliex li dak il-principju kien applikabbli ghal kaz li kellha quddiemha. Dan hu apprezzament ta’ fatt li din il-Qorti ma tistax tiddisturba. Darba li l-Qorti dehrilha li l-fatt ma kienx gie ppruvat, ghamlet sew li waqfet hemm u cahdet

it-talbiet attrici, ghax hu dmir tal-attur li jipprova l-bazi tal-azzjoni tieghu.

Fid-dawl tal-premess, it-talba tas-socjeta` attrici ritrattanda ma timmeritax li tigi akkolta, u konsegwentement din il-Qorti ma tarax li hu mehtieg li tittratta u tiddeciedi fuq l-eccezzjonijiet ta' natura preliminari li ressqet is-socjeta` ritrattata u li jolqtu l-validita` ta' dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tghaddi biex tichad it-talbiet tas-socjeta` Data Express Ltd u tikkonferma s-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Mejju 2012.

L-ispejjez tal-proceduri jithallsu mis-socjeta` Data Express Ltd ritrattandi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------